MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru. 928/2005

**Il-Pulizija**

**(Spettur Therese Sciberras)**

**versus**

**"A"**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra "A" ta' 17-il sena iben " …omissis …" imwieled Pieta'fil-25 ta' Ġunju 1988 u li joqgħod f'numru "… omissis …", detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru "…omissis…"

Akkużat talli f'dawn il-gżejjer nhar il-25 ta' Settembru, 2005 f'dawn il-gżejjer u cioe fi Triq it-Trunċiera, Saint Paul's Bay, Qawra f'xi ħin bejn it-tmienja ta' filgħodu u nofs il-lejl

1) Ittanta li jħajjar lill-Uffiċjal Pubbliku u cioe lil PC 478 N. Mercieca li jirċievi jew jaċċetta għalih jew għall-ħaddieħor, xi rigal jew wegħda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utili ohra sabiex l-Uffiċjal Pubbliku jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel.

2) U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded lil wieħed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe lil PC 478 N. Mercieca waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

3) U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta’ persuni nkarigati minn servizz pubbliku u cioe lil PC 478 N. Mercieca ma ħalliħx jew fiklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b’mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijietu billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b’liġi jkun ordnat jew jista’ jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b’xi mod ieħor.

4) U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi irrifjuta li jagħti u/jew ta falz lil Uffiċjal Pubbliku waqt li kien inkarigat minn servizz pubbliku u waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, ismu, kunjomu, fejn joqgħod u partikolaritajiet oħra.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat ta-twelid ta’ l-imputat, il-fedian peanli nadifa tiegħu, il-current incident report, l-istqarrija ta’ l-imputat magħmula fl-għassa tal-Qawra fit-12.20 tas-26 ta’ Settembru 2005, il-kunsens ta’ l-Avukat Ġenerali tat-12 t’Ottubru 2005 biex il-proċeduri jkunu sommarji, u l-interrogatorju ta’ l-imputat li fih mill-ewwel ammetta l-ħtija, liema ħtija huwa kkonferma wara li kien mogħti żmien xieraq biex jaħsibha, kif ukoll il-kunsens ta’ l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji. Huwa ingħata ħin biżżejjed biex jaħsibha dwar dan u reġa’ kkonferma l-kunsens tiegħu sabeix dawn il-proċeduri jkunu sommarji.

Stante l-ammissjoni ta’ l-imputat għall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 95 (2), 120(2), 338(ee), 338(g) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta issib lill-imputat ħati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrih iżda flok tikkundannah qed tpoġġih taħt il-ħarsien ta’ Probation Officer għal sentejn.  Il-Qorti spjegat l-artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.

Qed tordna d-divjet tax-xandir ta’ l-isem ta’ l-imputat minħabba li hu għadu minorenni.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------